MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 79/2009

**A B, f' isimha proprju**
**u f'isem il-minuri C D**
**vs**
**E D,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi fit-2 ta' Marzu 2007 twieled il-minuri C D li gie rregistrat bhala iben E D kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. A);

2. Illi r-rikorrenti A Bma kinitx qed tiffrekwenta lil E D biss fiz-zmien illi hija nqabdet tqila bil-minuri C D, u dan kif ser jigi muri waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi huwa ppruvat anke xjentifikament illi l-minuri C D m' huwiex it-tifel naturali tal-konvenut E D, u dan kif jirrizulta mill-anness DNA Paternity Test Report (Dok. B); u

4. Illi r-rikorrenti A Bma tridx li l-konvenut E D jibqa' jkun indikat bhala l-missier tal-minuri C D.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut minuri C D m' huwiex wild naturali tal-konvenut E D u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijiet tad-DNA; u

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri C D billi fejn hemm miktub li isem il-missieri huwa l-konvenut E D bid-dettalji, dawn jigu mhassra u jigi mnizzel illi l-minuri msemmi huwa iben ta' missier mhux maqghruf.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat ir-risposta guramentata prezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent fl-azzjoni odjerna fejn qed issir kawza ghan-nom tal-minuri wkoll, ma tistax titlob li l-missier tal-minuri jigi dikjarat bhala 'mhux maghruf' jekk ic-cirkostanzi tal-kaz jirriflettu mod iehor stante li (i) ir-rikorrenti ma tistax tiddikjara taht gurament li l-missier tal-minuri huwa 'mhux maghruf', jekk fir-realta' dan huwa

maghruf u (ii)certament mhux fl-ahjar interess tal-minuri li jigi dikjarat bhala iben missier 'mhux maghruf', jekk effettivament dan huwa maghruf.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-minuri li d-dikjaranti kienu r-rikorrenti u l-intimat E D u ghalhekk jehtieg li tingieb il-prova li kien hemm difett fil-kunsens ta' E D.

4. Illi minghajr pregudizzju ukoll, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista E Farrugia, u mill-Ispizjara d-Dottoressa Marisa Cassar ;[1]

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni minn din il-qorti li t-tifel taghha C, li twieled fit-2 ta' Marzu 2007 u li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 811/07 gie registrat bhala l-wild tal-konvenut E D, mhuwiex il-wild naturali ta' dan il-konvenut; u talbet ukoll il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-imsemmi att tat-twelid.

---

[1] Fol.36 *et seq.*

Illi mill-provi rrizulta li l-attrici kellha relazzjoni twila mal-konvenut E D, izda f' xi zmien huma kienu tterminaw din ir-relazzjoni; eventwalment dawn rrezumaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Fil-frattemp iz-zewg partijiet kienu hargu ma' terzi persuni, u fi kliem l-attrici "kulhadd kompla b' hajtu". Eventwalment l-attrici harget tqila.

Illi peress li l-partijiet kellhom suspett li t-tarbija setghet ma kinitx ta' E D, huma eventwalment iddecidew li jaghmlu t-test tad-DNA ghall-verifika.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA juru li t-tifel C D mhuwiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut E D.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici, u tiddikjara li t-tifel C li twieled mill-attrici fit-2 ta' Marzu 2007 mhuwiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut E D ; u tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid fuq indikat, skond it-tieni talba.

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attrici f' isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------